Newspaper Post

# Żminijietna

żminijietna
leħen ix-xellug

www.zminijietna.org

Vol.5 Nru. 19 | Lulju - Settembru 2013 | 40c



### *"Issa sta għall-partiti li jiftehmu u jressqu liġi kontra l-prekarjat"*

Issa li l-partiti politiċi lkoll qegħdin jikellmu kontra l-prekarjat, nistennew li dawn ma jibqgħux aktar spettaturi imma jsiru protagonisti u għandhom imorru fil-Parlament u jiftehmu bejniethom biex ifasslu politika u jintroduċu liġi kontra l-prekarjat, saħaq is-Segretarju Ġenerali tal-GWU, Tony Zarb f'intervista li ta lil din ir-rivista u li tidher kollha fil-paġni ta' ġewwa.

Is-Segretarju Ġenerali qal li kien imweġġa' għax "għaddejna minn perjodu fejn il-ħaddiem infetta ruħu bil-marda ta' l-egoiżmu".

Tony Zarb qal li kien hawn gvern lemini li bil-politika tiegħu irnexxielu jinjetta fid-demm tal-ħaddiema il-marda ta' l-egoiżmu.

Huwa żied jgħid li qiegħed jara r-rota ddur u l-ħaddiem qiegħed jibda jerġa' jifhem li mingħajr l-għaqda u s-solidarjetá ma jistax jikompli miexi 'l quddiem.

Il-ħaddiem qiegħed jinduna bl-iżball u qiegħed jerġa' jibda jemmen li waħdu mhux b'saħħtu u li waħdu mhux biss ma jmurx 'l quddiem imma jmur lura, qal Tony Zarb fil-waqt li spjega lil Żminijietna kif il-ħaddiema qegħdin jerġgħu jersqu biex jissieħbu fil-General Workers Union kif ukoll spjega xogħol li t-taqsimijiet tal-GWU qegħdin jagħmlu fl-interess tal-ħaddiema.

### *Ġewwa...*


- Intervista mas-Segretarju Ġenerali tal-General Workers Union.
- "It-Tieni Repubblika" minn Mark Montebello.
- Maltija dwar il-ġrajjiet fit-Turkija.
- Il-wirt ta' Thatcher minn Mike Briguglio


*Malta tissieħeb f'Kampanja Ewropea*

# KULĦADD GĦANDU DRITT GĦAL DĦUL BAŻIKU

F'Jannar ta' din is-Sena ċittadini minn ħmistax il-pajjiż Ewropej niedew Kampanja Ewropea favur dħul bażiku mingħajr kundizzjoni. Min dak inhar ċittadini ta' aktar pajjiżi issieħbu fil-kampanja. Llum il-ħidma nfirxet fi 22 pajjiż, fosthom Malta.

Numru ta' għaqdiet non-governattivi, attivisti u movimenti fl-Ewropa qed jiddikjaraw wkoll l-appoġġ tagħhom lejn din il-Kampanja.

Malta ingħaqdet fil-kampanja bis-sehem ta' Żminijietna - Leħen ix-Xellug, l-Alleanza Kontra l-Faqar, attivisti progressivi u akkademiċi. L-għan ta' din il-kampanja hu biex tiġi solvuta l-problema ta' faqar fl-Ewropa li qed tikber b'rata allarmanti.

Ma' 120 miljun persuna (24.6%) fl-Ewropa huma f'riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali li jfisser li huma mċaħħda minn bżonnijiet materjali bażiċi u fejn id-dħul tal-familji huwa baxx. Tajjeb ngħidu li sa 2020 l-Ewropa trid tnaqqas l-ammont ta' nies foqra b'20 miljun.

Din tidher li hija ħolma fierħa, meta l-istess statistika Ewropea (Eurostat) qed turi li l-ammont ta' nies f'din il-qagħda mwiegħra qiegħed kullma jmur dejjem jiżdied. Il-politika neoliberali ta' awsteritá, privatizzazzjoni, xogħol prekarju, pagi aktar baxxi u tkissir tal-welfare state, żgur li mhux se twassal għat-tnaqqis tal-faqar, anzi l-kuntrarju.

Malta mhiex eċċezzjoni u l-ġerħa tal-faqar qiegħda magħna u qed tiżdied. In-numru ta' nies f'sogru ta' faqar u esklużjoni soċjali jlaħħaq it-88,000 persuna (21.7%).

Il-proposta Ewropea favur dħul bażiku mingħajr kundizzjonijiet hija proposta għaqlija mibnija fuq il-prinċipju tal-ġustizzja soċjali. Proposta li tagħti dinjità lil kull persuna fis-soċjetà.

Huwa fatt li proposta bħal din iġġib magħha kritika kontriha minn esponenti u politiċi tal-lemin; esponenti li ma jaraw xejn ħażin fl-inugwaljanza soċjali tal-kapitaliżmu kontemporanju; jemmnu li l-problema ta' faqar hija biss tort ta' l-istess persuna u mhux lesti jappoġġjaw sistema ta' ġbir ta' taxxi ġusti u progressivi.




L-organizzatur ġenerali tal-inizjattiva tal-Kampanja Ewropea, Klaus Sambor minn ATTAC, *'Organizzazzjoni attiva globalment għall-ġustizzja soċjali'* - jenfasizza d-dimensjoni simbolika tal-kampanja fejn "l-kollaborazzjoni wiesgħa ta' diversi organizzazzjonijiet mit- 22 pajjiż Ewropej li qed jipparteċipaw f'din il-kampanja turi li l-ideja persistenti ta' dħul bażiku mingħajr kundizzjonijiet issa qed tirranka".

L-idea ta' dħul bażiku għal kulħadd qed tkompli tiġi mbuttata l-quddiem minn diversi persuni, fosthom il-filosofu u ekonomista politiku Philippe van Parijs u organizazzjonijiet, bħal "Basic Income Earth Network, BIEN.

L-Inizjattiva miċ-Ċittadini tal-UE "titlob għal dħul bażiku li għandu jkun universali, bla kundizzjonijiet u adegwat biex tipprevjeni l-faqar materjali. Dan għandu jipprovdi l-opportunità għal parteċipazzjoni attiva fis-soċjetà. L-iskop prinċipali ta' din il-proposta huwa li jkun hemm ħajja diċenti għal kulħadd.

Fil-kampanja jridu jinġabru miljun firma qabel 14 ta' Jannar, 2014, waqt li jintlaħaq livell minimu f'mil-inqas 7 pajjiżi membri. Il-limitu minimu għal Malta huwa ta' 4,500 fejn għall-Ġermanja l-akbar pajjiż membru tal-UE huwa 74,250. Jekk il-kampanja tirnexxi, il-Kummissjoni Ewropea se jkollha teżamina l-inizjattiva bir-reqqa u toffri smigħ pubbliku xieraq fil-Parlament Ewropew.

Nħeġġu lill-pubbliku Malti, il-Parlament Malti, MEPs, partiti politiċi u għaqdiet non-governattivi biex jappoġġjaw din il-kampanja.

L-inizjattiva tista' tiġi appoġġjata fuq il-websajt
http://basicincome2013.eu

Wieħed jista' jara wkoll il-video
https://www.youtube.com/watch?v=zru79jcVTt4&noredirect=1

Iktar informazzjoni bażika dwar id-dħul bażiku jista' jinkiseb fuq
http://en.wikipedia.org/wiki/Basic_income_guarantee

## KOMPETIZZJONI - Irbaħ €20 Voucher f'Kotba

*Mistoqsija - X'ismu l-President Franċiż u f'liema sena ġie elett?*

Ibgħat it-tweġiba, b'isem u indirizz lil Żminijietna - P.O Box 35 Sliema. SLM1000

Eleġibbli huma dawk abbonati jew li jabbonaw. Data ta' l-għeluq hija 1 ta' Ottubru 2013.

# Soċjaliżmu u l-Moviment tal-Ħaddiema.

**Alfred Consiglio**

Forsi xi wħud jgħidu, is-soċjaliżmu u l-moviment tal-ħaddiema mhux l-istess ħaġa!

Qabel il-ġrajja kruċjali tar-rivoluzzjoni tal-1848 ftit osservaw u argumentaw li soċjaliżmu rrappreżenta l-għanijiet tal-ħaddiema. Wara l-1848 dan il-kunċett sar komuni fi Franza, iżda mhux daqshekk fl-Ingilterra, fejn bid-diżintegrazzjoni tal-Kartiżmu l-għaqdiet tal-ħaddiema tilfu l-interess fil-politika u l-Oweniżmu sar setta sempliċi.



**Proudhon**

Meta fl-1867 il-massa tal-ħaddiema kisbu l-vot, feġġet xi ħaġa differenti; il-moviment trejdunjonista kien mirbuħ lejn liberaliżmu. Is-soċjaliżmu fl-Ingilterra tmewwet għal xi snin u qam mill-ġdid fis-snin 1880jiet.

Sadanittant, fil-Ġermanja deher it-tkabbir ta' moviment soċjal-demokratiku. Fl-istess żmien twaqqaf l-Ewwel Internazzjonal f'Londra bi programm, abbozzat minn Marx, tat-tip li aktar tard kien imsejjaħ 'demokrazija soċjali'. B'hekk kien hemm fis-snin 1880jiet mewġa ta' ħaddiema lejn is-soċjal-demokrazija. Marx kien konxju minn dan iżda kien iżolat sakemm twaqqaf l-Internazzjonal, iżda anke wara kellu jadatta ruħu lejn klima mentali differenti minn dik tal-1840jiet.

Sena wara r-rivoluzzjoni tal-1848, koalizzjoni ta' demokratiċi u soċjalisti riformisti ppruvat tikseb popolarità b'dimostrazzjonijiet paċifiċi iżda falliet miżerabilment. Dan involva telfien ta' fidi fid-demokrazija minn-naħa tal-ħaddiema. Sal-1848, 'demokrazija' kienet kawża rivoluzzjonarja; wara saret borgeża, u l-awtoritajiet setgħu jistrieħu fuq din tal-aħħar biex iżżomm 'il bogħod, f'kontroll, il-komuniżmu.

Is-sena 1848 hija l-qofol ta' kollox; rat il-moviment demokratiku nazzjonali fil-Ġermanja jkun abortit, il-qawmien proletarju fi Franza, id-disfatta tal-Kartiżmu fl-Ingilterra, u l-pubblikazzjoni tal-Manifest Komunista. Fl-aħħarnett, l-effett ta' dawn il-ġrajjiet kien momentarju, iżda xi wħud mis-sinjali l-aktar importanti għall-futur kienu nnotati mhux tant ċari minn Marx u Engels. It-tnejn kienu straħu fuq is-suċċess ta' rvell demokratiku fil-Ġermanja, li mbagħad jingħaqad mal-Kartiżmu fl-Ingilterra u l-'komuniżmu' fi Franza.

Imma dan kollu ma ġarax. Il-Manifest kien ġabar fuq fuq it-twemmin avangwardist radikali, iżda dan l-elit kien imxerred diżilluż bil-ġrajjiet tal-1848. Sas-snin sittin l-uniċi nies li baqgħu jemmnu fil-'komuniżmu' tal-Manifest kienu grupp ta' emigranti politiċi Russi f'Ġeneva, u dawn kienu segwaċi ta' Bakunin.



**Buonarroti**

Il-ġrajja prinċipali tas-snin 1860 kienet bla dubju r-rikostruzzjoni tal-moviment demokratiku fuq bażi soċjali ġdida. Fis-snin 1840jiet kien hemm koalizzjoni demokratika iżda ftit kellha x'taqsam ma' soċjaliżmu. Kien hemm ukoll moviment 'primittiv' tal-ħaddiema li ħafna drabi daqqas 'demokrazija' ma' 'komuniżmu'. Sas-snin 1860jiet inħoloq kurrent liberali-radikali qawwi fost il-ħaddiema. Fl-Ingilterra u l-Istati Uniti tal-Amerika, l-għaqdiet tal-ħaddiema, fil-biċċa l-kbira, aċċettaw il-liberaliżmu, iżda fl-Ewropa dawn kienu aktar favur demokrazija soċjali. Is-soċjalisti bikrin kellhom jikkonvertu lill-klassi ħaddiema lejn l-ideat tagħhom. F'xi nħawi rnexxielhom, f'oħrajn fallew.

Fl-Ingilterra fallew għal kollox. Franza pprovdit ix-xena ta' serje ta' diżastri mdemmijin, mill-ġranet tal-1848 sal-Komun ta' Pariġi.

Fi Franza, rilevanza kontinwa għar-Rivoluzzjoni Franċiża kienet kwestjoni għal moviment tal-ħaddiema. Żewġ veduti differenti kienu mantnuti u possibbli; waħda li r-Rivoluzzjoni u, speċjalment, it-tmexxija tal-Montanji bejn l-1793 u l-1794 kienet il-mudell sodisfaċenti għal fażi ta' 'dittatorjat proletarju'. Din saret il-fidi komunista. It-tieni waħda kienet li l-Ġakobiniżmu kien irrilevanti għal 'organizzazzjoni tax-xogħol' u kellu jkun abbandunat għal kollox.



**Lassalle**

Flimkien ma' dawn id-demokratiċi, is-soċjetajiet sigrieti stabbiliti minn Auguste Blanqui (1805-1881) u Filippo Buonarroti (1761-1837), bis-segwaċi ta' ħaddiema u studenti radikali, komplew it-tradizzjoni Babouvista ta' dittatorjat ta' minoranza.

Iżda veru li l-proletarjat kien minoranza? Jiddependi mid-definizzjoni tat-terminu. Blanqui daqqas lil dawk li jaħdmu, inklużi artiġjani, bħala proletarji. Iżda f'dawk iż-żminijiet, il-ħaddiema ndustrijali kienu klassi ta' minoranza, u li l-ħaddiem irid jifforma alleanza mal-klassi medja u mal-bdiewa biex jikseb maġġoranza elettorali.

Sadanittant, il-kunċett ta' kolp ta' stat xewwiexi baqa' jkun magħżuż mill-Blanquisti. Il-perspettiva ta' rvell armat ma beżgħahomx. Il-Blanquisti rraġunaw, għala l-poplu ma għandux iqum kontra l-oppressuri? Għal xi żmien, Blanqui anke pperswada lil Marx li kien possibbli li jinqabżu l-proċeduri tal-proċess demokratiku. Wara, it-tnejn li huma, Blanqui u Marx, qabdu toroq differenti.

Jekk Blanqui kien favur tradizzjoni Babouvista u Louis Blanc (1811-1882) favur soċjaliżmu demokratiku, Pierre-Joseph Proudhon (1809-1865) huwa deskritt bħala wieħed mill-missirijiet tal-anarkiżmu. Fil-kitbiet voluminużi ta' Proudhon, wieħed isib espressjonijiet iebsin. Il-kitbiet tiegħu kienu diversi, primarjament kontra l-awtorità tal-istat u l-knisja.

Huwa ma kienx waħdu li ppriedka ateiżmu militanti, imma kien Blanqui li ppopolarizza l-għajta "la Alla u lanqas sid". Imma kien fi Spanja, l-aktar pajjiż Kattoliku fanatiku li l-anarkisti poġġew il-għlieda kontra l-Knisja.

Ferdinand Lassalle (1825-1864) ma qabilx ma' Marx. Għalih, soċjaliżmu rrappreżenta l-interess tal-komunità kollha għaliex poġġa l-ġid komuni 'l fuq mit-talbiet egoisti tal-individwu. Lassalle, avventurier politiku, ħares lejn il-moviment laburista biex ipoġġi pressjoni fuq il-gvern u biex ibegħdu 'l bogħod mill-liberali. Minn-naħa l-oħra, huwa ma kellux fidi fl-effikaċċja tat-trejdunjins jew il-kooperattivi tal-konsumaturi. Ir-rimedju tiegħu kien li l-ħaddiema jsiru s-sidien tagħhom stess.

Matul is-snin 1860jiet, il-ħajja politika reġgħet ħadet is-saħħa, il-moviment tal-ħaddiema beda jkun reorganizzat .

# Seminar Komunista Internazzjonali fi Brussels




F'Ġunju ġewwa Brussell ittella' it-22 Seminar Internazzjonali tal-Partiti Komunisti u tal-Ħaddiema. Għalih attendew ma' 60 rappreżentant ta' partiti minn madwar id-dinja kollha.

Il-mibki Komunista Ludo Martens kien il-moħħ wara l-inizzjattiva ta' dawn is-seminars li sabu l-bidu tagħhom 1992.

Is-seminar beda b'minuta silenzju lejn wieħed mil-mexxejja tal-Partit Komunista Tuneżin li nqatel dan l-aħħar fit-Tuneżija. Il-Partit Komunista ta' Tuneżija għadu jissielet favur l-emanċipazzjoni tal-klassi tal-ħaddiema, soċjetà ġusta u stat sekulari.

Waqt id-diskussjoni ħareġ biċ-ċar id-distinzjoni bejn dik li hi 'Demokrazija Borġiża' u 'Demokrazija tal-ħaddiema'. Mil-analiżi ħareġ li l-borġeżija għandha l-poter assolut u qed tistagħna askapitu tal-klassi ħaddiema u l-pajjiżi foqra.

"F'soċjetà kapitalista, id-drittijiet tal-klassi tal-ħaddiema huma kkalpestati. Il-klassi kapitalista qed tfittex swieq ġodda u tuża mezzi anti-demokratiċi biex tagħmel dan u jekk hemm bżonn tuża forza militari bħalma ġara fil-gwerer kontra pajjiżi sovrani bħal dak ta' l-Iraq, Libja, u Sudan. F'kull kunflitt kien hemm l-interess imperjalista f'dak li hu żejt u riżorsi naturali".

Kif qal Lenin fil-kitba tiegħu "Il-Kapital finanzjarju jaħdem għal dominanza, mhux libertà. Ir-reazzjoni politika f'dan il-qasam hija karaterizzata minn politika imperjalista".

Id-diskussjoni trattat wkoll rwol tal-istat f'soċjetà kapitalista, fejn min analiżi marxista/leninista l-istat qiegħed hemm biex jservi l-klassi kapitalista billi jimminimizza d-drittijiet tal-ħaddiema, inawwar is-saħħa ta' Trejdjunjins, u jimmina l-ħidma leġittima li joffru Partiti Komunisti u tal-ħaddiema fil-għlieda favur l-emanċipazzjoni tal-klassi tal-ħaddiema.

Kif qal Marx is-Soċjalizmu biss jista' jwassal għad-Demokrazija, nkella se jkollok il-poter biss f'idejn il-klassi kapitalista jew f'termini oħra 'l-klassi dominanti'.

Il-poter f'idejn il-klassi kapitalista wassal wkoll għal tnaqqis massiv fil-livell tal-għajxien tal-ħaddiema u l-familji tagħhom, faqar globalizzat, tkasbir ta' drittijiet tal-popli f'pajjiżi foqra, qtil ta' nies innoċenti biex jiżdied il-profitt massimizzat u l-qerda ftit ftit tal-ambjent u l-poplu indiġenu.

Is-Seminar għalaq b'numru ta' riżoluzzjonijiet li ġew mressqa mil-parteċipanti stess fosthom fuq il-kawża Palestinjana, kontra l-Embargo fuq Kuba, il-qasma tal-Kosovo minn ma' Serbia u l-qasma tas-Sudan, kontra l-politika ta' Awsterità u għal Solidarjetà mal-moviment Komunista, tal-Ħaddiema u progressiv li qed jiġġieled fil-partijiet kollha tad-dinja favur soċjetà ġusta. Il-Partit Komunista Malti ppartеċipa f' dan is-seminar.

*Editorjal*

# Newtralitá u bidla ta' reġim!!

L-ewwel bdejna nisimgħu li jridu jbiddlu l-kostituzzjoni u jneħħu l-klawsola tan-newtralitá u non-allinjament u issa, li l-gvern jaqbel ma' bidla fir-reġim fis-Sirja. Dan huwa kollu perikoluż u min qiegħed jaħseb fuq dawn il-linji għandu jaħsibha mitt darba. Is-sitwazzjoni internazzjonali qiegħda ssir aktar komplikata b'sinjali ċari ta' konfrontazzjoni ġdida bejn in-NATO u r-Russja. Hawn min isostni li bdejna l-mixja lejn Gwerra Bierda ġdida. Kulħadd għandu jiftakar kemm servewna tajjeb in-newtralitá u n-non-allinjament fi żmien l-ewwel Gwerra Bierda.

Dwar bidla fir-reġim, iż-"żgħar" tal-Partit u l-gvern Laburista għandhom jitgħallmu mill-imgħoddi u jqisu x'sofra l-poplu meta l-pajjiżi tan-NATO għamlu minn kollox biex f'Malta jkun hawn bidla fir-reġim u jitneħħa l-gvern Laburista fis-snin 70 u 80. Ippumpjaw il-miljuni biex jiffinanzjaw l-oppożizzjoni għal gvern li ma ridtx ibaxxi rasu għad-diktat tan-NATO u mexxa lil Malta lejn il-progress u l-prosperitá f'baħar mill-iktar imqalleb. Mhux hekk biss imma kien hemm xamma ta' pjani ta' attentati ta' kolp ta' stat. Per eżempju kien il-gvern Ingliż stess li għarraf lill-gvern Malti li kellu ħjiel li kien qiegħed jinħema pjan bħal dan u li dan kien qiegħed iseħħ fi Franza.

Kull bidla ta' reġim issir mill-poplu u mhux mill-barrani li jħallas u jixpruna l-inkwiet fil-pajjiż. Il-ġrajjiet riċenti wrewna li l-bidliet fir-reġimi li seħħew għax xprunati mill-barrani ma wasslu ebda ġid għall-popli, imma ġid għal dawk li ħatfu ż-żejt u r-riżorsi tal-pajjiżi u ħallew sitwazzjoni ta' nkwiet u periklu għal reġjuni sħaħ, fuq kollox il-Mediterran. Is-sitwazzjoni fil-Mediterran qiegħda kuljum tmur mill-ħażin għall-agħar u min ixaqleb ma' xi naħa, se jispiċċa l-għadu tan-naħa l-oħra.

Il-pajjiżi Għarab m'għandhomx memorja qasira u żgur li jiftakru li Malta dejjem kien il-ponta tas-sikkina ippuntata lejn sidirhom. Hekk ġara fi żmien il-Kavallieri u hekk ġara fil-gwerra tas-Swejz. F'din is-sitwazzjoni, Malta teħtieġ mexxejja għaqlija li jħarsu lejn l-interess tal-poplu Malti u mhux ibaxxu rashom għall-ordnijiet ta' l-Ewropa u l-Istati Uniti li l-għan tagħhom mhux ħlief l-eġemonija fuq il-pajjiżi Għarab għax dawn għandhom iż-żejt.

## L-Għaqda Żminijietna -Leħen ix-Xellug

***Żminijietna -Leħen ix-Xellug huwa moviment xellugi u jinkludi membri tal-Partit Komunista, il-Partit Laburista, l-Alternattiva Demokratika, ħaddiema, akkademiċi, studenti, trejd unjonisti, ġurnalisti u pensjonanti.***

***Żminijietna hija l-leħen tax-xellug. Il-mira ewlenija hi li l-għaqda jkollha preżenza ikbar fis-soċjetá permezz ta' attiviżmu minn perspettiva xellugija, b'emfażi fuq il-prinċipji ta' l-ugwaljanza, ġustizzja soċjali u sostenibilitá ekoloġika.***

***Din ir-rivista hija waħda mill-ħidmiet ta' l-Għaqda u wieħed jista' jabbona permezz ta' ċekk jew money order ta' €5 fl-indirizz: P.O Box 35 Sliema. SLM1000***

***Kull korrispondenza għandha tintbagħat fl-indirizz ta' hawn fuq jew zminijietna@yahoo.com***

**Il-kitbiet fir-rivista huma l-fehmiet u opinjonijiet tal-kittieba u mhux bil-fors jirriflettu l-policy uffiċjali ta' l-Għaqda Żminijietna. Ir-riklami huma bi ħlas.**

**Il-gazzetta Żminijietna hija pubblikazzjoni ta' kull tlett xhur ta' l-Għaqda Żminijietna. Disinn KoPri Koperattiva u stampar Union Print, Marsa.**

# Iċ-ċittadin fiċ-ċentru tat-'Tieni Repubblika'

**Minn Mark Montebello**

Id-diskors li qiegħed isir 'l hawn u 'l hinn f'Malta dwar it-twaqqif talhekk imsejħa 'Tieni Repubblika' aktarx jinsab mingħajr direzzjoni. Ngħidu aħna, mhuwiex ċar biex inhuma mdejqin xi whud bil-Kostituzzjoni attwali ta' Malta. Jgħidu li jridu jibdluha, iżda ma jgħidux kif jew fejn. Agħar minn hekk, lanqas ma jidher ċar x'ideoloġija prinċipali għandha tħaddan is-suppost Kostituzzjoni l-ġdida. Jgħidu li din il-Kostituzzjoni se twaqqaf dak li qegħdin isejħu t-'Tieni Repubblika', iżda, għal darba oħra, ma jgħidulniex kif jew fuq liema prinċipji se jsir dan.

Dan jurina li, jekk ma nasalx biex ngħid li r-'riformaturi' għandhom ideat konfużi f'dan ir-rigward, żgur li nkun ġustifikat li ngħid li l-ideat tagħhom mhumiex ċar. Għallanqas mhumiex ċari għalina ċ-ċittadini. Xi wħud minna jafu biċ-ċert li xi ħadd minn wara l-kwinti qiegħed jirrevedi l-Kostituzzjoni u jaħdem il-kitba ta' Kostituzzjoni ġdida. Intenni: *minn wara l-kwinti*. Għax s'issa ħadd ma jaf x'reviżjoni qiegħda ssir, b'liema mod, f'liema partijiet tal-Kostituzzjoni u fuq liema linji. Spekulazzjoni hawn kemm trid, u tifhimha, iżda din aktarx qiegħda ssir minn nies li mhumiex involuti fil-proċess ta' reviżjoni. Donnu li, minbarra l-ftit li qed iħejju l-kitba ta' Kostituzzjoni ġdida, ħadd aktar ma hu informat dwar x'inhu jsir.

Dan hu l-mod kif isiru jew se jibdew isiru l-affarijiet f''Tieni Repubblika'? Fis-satra? Minn wara dahar kulħadd? Jekk inhu hekk, ma nistax nifhem x''Tieni Repubblika' se tkun din, jekk hux waħda agħar minn ta' qabilha. Dan il-mod paternalistiku ta' kif qegħdin isiru l-affarijiet, b'xi ħadd li jħejjielna l-aktar strument legali importanti u essenzjali għall-ħajja soċjali u politika tagħna, imbagħad jagħtihielna biex noqogħdu nomogħduha, ma tantx jeħber tajjeb għal kif qegħdin jiżviluppaw l-affarijiet.

F'dan il-kuntest, il-kelma 'rifoma' saret qisha mantra. Riforma f'dak is-settur, riforma fis-settur l-ieħor, riforma 'l hawn u riforma 'l hemm. Għandi l-impressjoni li din il-kelma qiegħda tintuża b'wisq laxkezza. Xi wħud żgur li qegħdin jitħaddtu dwar riforma meta lanqas biss jafu d-definizzjoni tal-kelma. Ħu l-hekk imsejħa riforma fil-qasam tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja. F'Mejju li għadda nħareġ dokument li għamlet il-proposti għal din ir-'riforma'. X'rajna f'dan il-dokument? Inkluda xi tip ta' riforma? Lanqas xejn. Anzi, il-kummissjoni li ħejjietu ddeċidiet li, flok tagħti aktar setgħa liċ-ċittadin, issaħħaħ u tqawwi l-predominju u l-intokkabbiltà tal-ġudikatura. Mhux talli d-dokument ma jissuġġerixxi ebda riforma, anzi bil-maqlub joħloq *kontro-riforma* għal dak



li diġà jeżisti. Huwa ċar li l-membri tal-kummissjoni lanqas biss jafu xi tfisser il-kelma 'riforma'. Ħasbuha tfisser sempliċi bidla, adattazzjoni, modifika, alterazzjoni, aġġustament, emendazzjoni, reviżjoni.

Iżda 'riforma' ma tfissirx hekk. Riforma tfisser li dak kollu eżistenti se jiġi organizzat madwar prinċipju differenti minn ta' qabel. Jekk dan il-prinċipju jibqa' l-istess wieħed, allura ma tistax titħaddet dwar riforma. Tista' titħaddet dwar bidliet, adattazzjonijiet u l-bqija, imma mhux dwar riforma. Issa fid-dokument li semmejt għall-hekk imsejħa 'riforma' fil-qasam tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja, mhux talli m'għandekx bidla ta' prinċpju li madwar jiġu organizzati l-affarijiet, iżda għandek tisħiħ tal-istess prinċipju ta' qabel; mhux biss m'għandekx prinċipju differenti, iżda għandek aktar issikkar madwar il-prinċipju l-antik tas-supremazija, l-impenetrabbiltà, is-sigurtà u l-invulnerabbiltà tal-ġudikatura.

Is-suspett tiegħi hu li min qiegħed jitkellem dwar 'riforma', mhux biss m'għandux f'moħħu ebda riforma, iżda lanqas jifhem li riforma vera u proprja teħtieġ tħejjija u bażi filosofika jew, jekk trid, ideoloġika friska u qawwija. L-hekk imsejħa 'riforma' li suppost qiegħda ssir, bħal fil-każ ta' dik fil-qasam tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja qed tinħadem minn nies li, anki jekk f'ċerti każijiet mhumiex ta' età kbira, huma ta' mentalità hekk arkajka u antikwata, jew għallanqas ta' mentalità hekk dilettanteska fil-filosofija politika, li minnu nnifsu dan il-fatt jimmina kull kunċett jew possibbiltà ta' riforma.

Ir-riforma li welldet il-Kostituzzjoni tar-Repubblika fl-1974 kienet tassew riforma. Għax organizzat l-aktar strument legali ewlieni ta' pajjiżna madwar prinċipju differenti għal kollox minn dak li kellha l-Kostituzzjoni tal-Indipendenza tal-1964. Filwaqt li l-Kostituzzjoni tal-1964 kienet maħsuba l-aktar biex toħloq nazzjon bi stat sovran, dik tal-1974, filwaqt li organizzat il-kunċett ta' stat u nazzjon madwar il-prinċipju tax-xogħol, kienet maħsuba sabiex issaħħaħ l-istituzzjonijiet tal-pajjiż. Jekk il-kostituzzjoni l-ġdida—tas-suppost 'Tieni Repubblika'—se tibqa' tħaddan din il-filosofija, anzi b'mod li ssaħħaha aktar milli hi, allura l-hekk imsejħa 'riforma' ma tkun riforma xejn, iżda fil-fatt 'kontro-riforma'.

Biex tabilħaqq il-kostituzzjoni l-ġdida tkun għamlet pass kostituzzjonali sinifikanti 'l quddiem, allura jeħtieġ li jinbidel il-prinċipju li madwaru tinbena. Dan il-prinċipju għandu jkun iċ-ċittadin. Titwaqqaf tabilħaqq Tieni Repubblika jekk l-istituzzjonijiet ma jibqgħux aktar iċ-ċentru tal-kunsiderazzjonijiet kostituzzjonali tagħna, iżda minflokhom jieħu posthom iċ-ċittadin. Din tkun tabilħaqq riforma fejn aħna ċ-ċittadini kostituzzjonalment nitqiegħdu bħala s-sidien veri u proprji ta' pajjiżna u tal-istituzzjonijiet tagħna.

Fi kliem ieħor, dan ifisser li s-setgħa deċiżiva li bħalissa tinsab f'idejn l-istituzzjonijiet—inkluż il-parlament, il-qrati u l-entitajiet ta' kontroll—tingħata *lilna* ċ-ċittadini. Inkunu *aħna* li nibdew niddeċiedu f'kollox u mhux jiddeċiedu għalina. Ikun *tagħna* r-rwol ewlieni kif ngħixu u ma ngħixux u mhux ikun ħaddieħor li għandu dan ir-rwol. Inkunu *aħna* l-istituzzjoni ewlenija tal-pajjiż u mhux persuni legali li jirrappreżentaw l-intenzjonijiet u r-rieda tagħna.

Biex nerġa' nieħu l-eżempju tad-dokument tas-suppost 'riforma' fil-qasam tal-amminsitrazzjoni tal-ġustizzja, mhux talli aħna ċ-ċittadini ma nitqegħdux fiċ-ċentru tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja, iżda talli nitqiegħdu aktar *fil-ġenb* milli ninsabu issa! Mhux talli ma ningħatawx aktar setgħa, iżda talli *titteħdilna* aktar milli għandna llum! Ftakar li l-proposti li jsiru f'dan id-dokument huma wħud mil-proposti li jsiru parti mill-Kostituzzjoni l-ġdida tat-'Tieni Repubblika'! Jekk dan hu indikazzjoni ta' kif se ssir ir-'riforma', allura ninsabu fuq mogħdija li se tbikkina.

Il-Kostituzzjoni l-ġdida *aktar setgħa* liċ-ċittadin trid tagħti jekk se twaqqaf it-'Tieni Repubblika'. Din hi l-filosofija li trid tanima r-riforma: li aħna ċ-ċittadini ma nibqgħux qisna qaddejja tal-istituzzjonijiet, iżda li l-instituzzjonijiet jiġu kostituzzjonalment rikonoxxuti bħala qaddejja tagħna; mhux qisna aħna neżistu *għalihom*, iżda li huma jeżistu *għalina*. Jekk ma jkunx hekk—jekk aħna ċ-ċittadini ma nitqegħdux fiċ-ċentru, li permezz tagħna u għalina jeżisti l-apparat soċjali u politiku kollu—allura jkun aħjar jekk ma ssir 'riforma' xejn u nibqgħu b'li għandna.

# "Aktar Ħaddiema qed jifhmu l-ħtieġa tal-għaqda fil-Unjin"

L-intervista ta' llum tlaqqana ma' Tony Zarb, Segretarju Ġenerali ta' GWU, unjin li hi protagonista fil-ġlieda kontra l-prekarjat. Is-segretarju ġenerali fil-bidu ta' l-intervista qal li l-General Workers Union se tagħlaq 70 sena b'ħidma kontinwa fl-interessi tal-ħaddiema u tal-pajjiż. Qal li l-GWU kienet hemm għal 70 sena sħaħ u se tibqa' hemm għas-snin li ġejjien.

***Id-dinja tax-xogħol qed tinbidel. Kif qed tħarsu lejha din il-bidla?***

Xi ħaġa li tweġġani ħafna hija li sfortunatament għaddejna minn perjodu fejn għan-numru kbir ta' snin il-ħaddiem infetta ruħu bil-marda tal-"egoiżmu". Allura ma baqax dak il-ħaddiem li jkun solidali ma' sieħbu biex flimkien itejjbu l-kundizzjonijiet tagħhom u jaqbżu għal xulxin. Din xi ħaġa li tweġġani ħafna jien. Kien hawn Gvern lemini li rnexxilu bil-politika tiegħu jinjetta fid-demm tal-ħaddiema il-marda tal-"egoiżmu".

Kompla jgħid li hu ma jaqtax qalbu, li bil-mod il-mod għad ir-rota terġa ddur u l-ħaddiem jibda jerġa' jifhem li mingħajr l-għaqda u solidarjetà ta' bejniethom ma jistax jkompli miexi l-quddiem. Fl-aħħar snin il-ġlieda li għamlu l-ħaddiema kienet l-aktar biex iżommu dak li kisbu fil-passat, mhux biex itejjbu l-kundizzjonijiet tagħhom. Tajjeb ngħidu li l-ħaddiem qala' daqqa kbira wkoll meta f'Malta bdew deħlien il-'personal agreements', fi kliem sempliċi il-ftehim individwali bejn ħaddiem u min Iħaddem. Fejn dawn ħadd ma jaf xi ftehmu mal-ħaddiema. Ħaddiem ma' ħaddiem ma jafx xi ftiehem Min Iħaddem ma sieħbu u hawnhekk jibda jidħol id-dubju, l-għira u għalhekk kienu wasslu f'pożizzjoni li l-ħaddiem jitlef is-sens ta' solidarjetà.

***Fil-preżent qed naraw firxa ta' ħaddiema jissieħbu fil-Unjins, x'taħseb li qed iwassal għal dan?***

Tony Zarb qal li bil-mod il-mod il-ħaddiem qed jinduna bl-iżball li għamel meta beda jemmen li jista' jgħix waħdu u mhux ma' sħabu, u jidher li llum il-ħaddiem qed jibda jemmen li waħdu mhux b'saħħtu, huwa vagabond; waħdu ma jmurx il-quddiem, imma jmur lura.

B'sens ta' kuntentizza Tony Zarb kompla jgħid li l-ħaddiem qed jifhem aktar il-bżonn li jingħaqad flimkien, speċjalment li jissieħeb fi trejdjunjin. Il-ħaddiema li qed jissieħbu partikolarment fil-GWU huma minn firxa wiesgħa ta' postijiet tax-xogħol. Tajjeb ngħidu li postijiet tax-xogħol b'numru kbir ta' ħaddiema, bħalma kellna fl-imgħoddi, fi żmien it-tessuti, dawk ftit li xejn għadhom jeżistu. Ftit huma dawk il-postijiet tax-xogħol li jaqbżu l-elf ħaddiem. Illum iktar morna għal gruppi zgħar ta' ħaddiema. Allura int llum trid torganizza għal dawn il-bidliet, anke bħala unjin;kif ħa tiddefendi issa mhux iktar gruppi kbar ta' ħaddiema, imma li tibda tiddefendi gruppi żgħar ta' ħaddiema.

Kompla jgħid li dawn il-bidliet jagħtuna aktar xogħol għax fejn qabel kellna post tax-xogħol li kellu elf ruħ u jsir ftehim kollettiv li jikkaverja l-elf ruħ, illum dawk l-elf ruħ ġew mijiet u għalhekk irridu nagħmlu aktar ftehim kollettivi biex nikkerterjaw għal dawn il-gruppi. Peró dawn huma realtajiet li qed jseħħu fid-dinja tax-xogħol u bħala Unjin rridu naħdmu f'dan ix-xenarju ġdid.



***Tasħseb li t-theddida li hemm fuq il-ftehim kollettivi fl-Ewropa, li jiġu żmantellati, qed isseħħ f'Malta wkoll?***

Hawn Malta għandna numru ta' ftehim kollettivi. Fil-preżent, is-sebgħa taqsimiet tal-GWU jagħmlu b'kollox il-fuq minn sittin ftehim kollettiv kull sena. Dawn ikopru numru kbir ta' ħaddiema. Qal li tajjeb ma ninsewx li Unjin tinnegozja ftehim kollettiv kull tlett snin. Il-maġġor parti assoluta tal-ftehim kollettivi huma fil-privat. Preżentament qed nikkerterjaw wkoll għal gruppi żgħar ta' ħaddiema. Illum qed jiġu gruppi ta' ħaddiema għandna, u anke membri tagħna bil-kuntratt f'idhom qabel ma jiffirmawh, biex aħna ntuhom il-pariri tagħna fuq dak il-kuntratt. Kif qegħdin jagħmlu wkoll ħaddiema ndividwali. Tony Zarb rrikonoxxa magħna li jidher li f'Malta n-numru ta' ftehim kollettivi qed jerġa' jiżdied u mhux jonqos.

***Kemm hu faċli li tagħmel ftehim kollettiv għall-ħaddiema fejn it-terminu ta' mpjieg mhuwiex regolari, igifieri fejn il-ħaddiem qed jithaddem bil-kuntratt defenit jew part-time?***

Tony Zarb qal li f'dan il-qasam qed issir taqliba sostanzjali. Din ħa norbotha max-xogħol prekarju. Sa ftit tax-xhur ilu, aħna konna nappellaw il-ħaddiema biex jiġu għandna b'każi ta' abbużi fuq il-post tax-xogħol. Il-ħaddiema kienu jiġu għandna, peró meta ngħidulhom li aħna se nibdew nindirizzaw il-każ tagħhom, ma jtuniex permess li mmexxu l-każ għax jibżgħu li jitkeċċew. B'sodisfazzjon ngħid, li bil-pressjoni kontinwa li għamilna u li qed nagħmlu, ħafna ħaddiema qed jiġu għandna b'abbuż ta' prekarjetà, u jgħidulna biex immexxu l-quddiem il-każ tagħhom. U allura dan ifisser li ħafna ħaddiema mhux qed jibżgħu.

Kompla jgħid li tajjeb ngħidu li hawn l-impressjoni li l-prekarjetà qiegħda biss fl-oqsma tal-careworkers, ta' tindif u sigurtà; meta l-problema tal-prekarjetà hi mifruxa aktar minn hekk. Għandna prekarjetà fl-oqsma tal-ospitalità (lukandi u restoranti), fil-qasam tax-xufiera, fejn hawn xufiera li jitħallsu b'€1 biss fis-siegħa. Ukoll f'dawk l-oqsma tax-xogħol fejn il-ħaddiema jaħdmu bħala skrivani, jew f'hekk imsejħa *'white collar jobs'*.

Tony saħaq, li għall-ewwel darba, għandna numru ta' ħaddiema, li bil-kampanja tagħna ta' *'name and shame'*, l-emplojer tagħhom ġie jiltaqa' magħna u ftiehmna li jsir ftehim kollettiv għall-ħaddiema. Din kienet l-ewwel waħda ta' din ix-xorta. Iġifieri l-pressjoni li qed nagħmlu aħna qed tagħmel ġid. Tajjeb ngħidu li x'ħin jiġi ffirmat il-ftehim kollettiv, nkunu qridna għal kollox il-prekarjetà fuq il-post tax-xogħol.

Kumpanija oħra li kienet qed tħallas l-overtime siegħa/siegħa, irranġajna magħha biex il-ħaddiema jitħallsu bir-rata propja. Kumpanija oħra tas-sigurtà se jtuna rikonoxximent bħala Unjin biex jiffirmaw magħna ftehim kollettiv. Dan hu frott tal-kampanja *"name and shame"*. Issa rridu nibdew nidħlu f'postijiet ġodda. Issa ħa nibdew nifirxu fuq il-lukandi u restoranti.

***Id-definizzjoni għal GWU tax-xogħol prekarju x'inhi?***

Jien ma nifridx ix-xogħol prekarju ma' l-abbuż. Jien narahom bħala ħaġa waħda. Iġifieri kemm meta wieħed jabbuża mil-liġi tax-xogħol, u anke meta wieħed jabbuża anke jekk ma hemm xejn fil-liġi. Allura inti dan il-fenomenu trid tarah fit-totalità tiegħu. Iġifieri aħna nħarsu lejha b'dan il-mod.

Tony kompla jispjega li f'Malta hawn min jgħid li m'hawnx defenizzjoni ċara ta' xogħol prekarju. Aħna ngħidu li hawn. Naqbdu dak li qed tgħid ILO li hemm xi għaxar punti fuq dan il-qasam u nittrasferixxu dawn il-punti fil-liġi Maltija tax-xogħol. Iġifieri li ma hawnx defenizzjoni mhu veru xejn. ILO anke titkellem fuq xogħol b'kuntratt definit. Aħna bħala Unjin naqblu li "iva", it-tul taż-żmien ta' meta ħaddiem, l-impjieg tiegħu/tagħha jinbidel minn impjieg b'kuntratt definit (short term contract) għal wieħed indefinit (regolari) jitnaqqas. Dan biex jitnaqqsu aktar l-abbużi.

Tajjeb ngħiduha din, qal Tony Zarb, li ħafna mil-kuntratti li jħaddmu b'xogħol prekarju huma dawk maħruġa mil-Gvern preċedenti. Kuntratt partikolari jgħid li l-kuntratt għandu jingħata lil dik il-kumpanija li l-inqas li titfa' l-offerta. Mhux biss, l-kuntratt jgħid wkoll illi r-rata ta' ħlas m'għandiex tkun differenti bejn dawk li huma ħinijiet normali tax-xogħol u ħinijiet tax-xogħol li jaħbtu fi ħdud u festi. Dan għalina l-GWU huwa abbuż. Nista' ngħid li sa llum irnexxilna nwaqqfu ħames kuntratti maħruġa mil-gvern preċedenti. Il-gvern ġdid preżenti qabel magħna li l-kuntratti jiġu rtirati ħalli jiġu rriveduti.

**X'inhuma l-proposti tagħkom biex dawn l-abbużi jitwaqqfu?**

Bħala GWU qed ngħidu li kumpanija fit-tender trid tniżżel il-kundizzjonijiet tax-xogħol li se tħaddem il-ħaddiema bihom. Qed ngħidu wkoll li l-kwota tal-flus fi tender għandha tiġi maqsuma fi tnejn. Parti li għandhom x'jaqsmu mal-kundizzjonijiet tal-ħaddiema u l-parti l-oħra huma l-ispejjeż biex topera s-servizz. Il-kuntratt ta' dawk il-kumpaniji li ma jonorawx il-kundizzjonijiet tal-ħaddiema għandu jitwaqqaf immedjatament u l-kumpanija ma titħalliex terġa titfa' l-offerta.

Ma' dawn qed ngħidu wkoll li għandha tidħol liġi li titkellem dwar il-prekarjat. Il-partiti politiċi lkoll jitkellmu kontra l-prekarjat, għalhekk qed ***nistennew issa li l-partiti ma jibqgħux aktar spettaturi imma jsiru protagonisti.*** Saħaq li dawn biex jkunu protagonisti jridu jmorru fil-Parlament u jiftehmu bejniethom sabiex jfasslu u jintroduċu liġi kontra l-prekarjat.

***X'inhi l-pożizzjoni tagħkom għall-istrateġija tal-gvern JOBS+, u x'taħsbu fuqha?***

Tony Zarb qal li aħna rridu naddottaw il-mudell Skandinavu f'din l-istrateġija. Il-mudell Amerikan tal-*'hire and fire'* żgur li mhux se naċċettawh. Lanqas mhu ħa naċċettaw li nsiru bħal unjins fl-Istati Uniti li m'għandhom kważi saħħa ta' xejn. Nemmnu li l-mudell Skandinavu nistgħu wkoll nfassluh għal Malta. Se nibqgħu nisħqu bħala GWU favur xogħol diċenti. Infatti qed ngħidu li fl-istrateġija tal-JOBS+ rridu li tidħol klawżola kontra xogħol prekarju. Jekk le, ngħid minn issa li l-GWU mhux se tkun parti f'din l-istrateġija.

*"Li mhux qed jindunaw hu li jekk il-ħaddiem mhux se jkollu xogħol u paga diċenti, l-istess ħaddiem mhux se jkollu x'jonfoq, u dan kollu jwassal għal sistema ekonomika dgħajfa u soċjetà prekarja".*

***Kif qed taraha tinbidel id-dinja tax-xogħol bl-avvanz fit-teknoloġija u outsourcing tal- produzzjoni lejn pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw?***

Tony Zarb qal li waħda mid-daqqiet kbar li ħadet l-Ewropa kienet filfatt 'outsourcing' fejn kumpaniji nvestew il-produzzjoni tagħhom barra mil-Unjoni Ewropeja, f'pajjiżi fejn il-ħaddiema jitħallsu anqas, jitħaddmu taħt kundizzjonijiet ta' sweatshops, child labour etċ. Dak li ġara fil-Bangladesh riċenti, fejn mietu aktar minn elf ħaddiem minħabba nuqqas ta' protezzjoni fuq il-post tax-xogħol hu stampa ċara ta' kif qed jiżviluppa s-suq tax-xogħol, li dan qed jaffettwa wkoll lill-Ewropa. *Outsourcing* mhux biss qed isir fil-qasam tal-manifattura, imma anke f'setturi oħra tax-xogħol.

***L-istatistika ta' NSO fuq is-suq tax-xogħol f'Malta hi nieqsa minn ċertu nformazzjoni essenzjali, fosthom it-tip ta' mpjieg, meta lkoll nafu li xogħol prekarju- atipiku (b'kuntratt defenit, agency workers, self employed) qed jiżdied. Taħseb li din l-informazzjoni għandha tibda tingħabar mil-NSO?***

**ikompli f'paġna 5**

# L-għaqda ta' l-Unjin

*ikompli minn paġna 4*

Iva, l-GWU wkoll tkellmet sabiex issir reviżjoni ta' l-informazzjoni li tingħabar fl-istatistika biex tkun aktar realistika maż-żminijiet ta' llum. Sa llum jitniżżel biss xogħol b'impjieg full-time u part-time. Iġifieri statistika ta' kemm għandna ħaddiema b'kuntratt defenit ma teżistiex. Aħna qed nisħqu sabiex din l-informazzjoni tibda tingħabar.

***Il-pożizzjoni tagħkom dwar il-COLA x'inhi preżentament, meta l-Ewropa għadha qed tqajjem it-tħassib tagħha dwarha?***

Bħala Unjin nemmnu li l-COLA għad hawn bżonnha fil-pajjiż. Il-COLA mhux biss ittaffi ftit mil-piżijiet fuq il-ħaddiema u l-familji, imma ġġib ukoll paċi u stabilità industrijali f'pajjiżna. Nisħqu li mhux biss ma għandhiex titneħħa, imma għandha tingħata darbtejn fis-sena, f'Jannar u Ġunju. Filfatt riċenti kellna laqgħa mal-ministru tal-finanzi u erġajna qajjimna din il-proposta biex il-gvern jikkunsidraha.

***X'inhu l-futur ta' trejdjunjoniżmu meta fl-Ewropa qed naraw tiġi mbuttata il-politika neoliberali tad-deregulazzjoni tas-suq tax-xogħol. Kif taħseb li se taffettwa l-ħaddiem din il-politika?***

Nista' ngħid li f'Malta l-affarijiet huma kemmxejn differenti, u allaħares jidħlu ċertu liġijiet li qed jitħaddmu f'ċertu pajjiżi Ewropej. Wieħed jista jgħid li allaħares ma jkunux it-trejdjunjins li jkomplu jiddefendu l-ħaddiema. Bi pjaċir ngħid li f'dawn l-aħħar tlett snin qed ikollna average ta' 250 membru ġdid kull xahar. Iktar ma jgħaddi żmien iktar jidher li l-ħaddiem qed ikollu fiduċja fil-GWU. L-iktar setturi li għadna qed insibu reżistenża minn Min Iħaddem huma l-kostruzzjoni u franchise industry. L-aktar imma l-kostruzzjoni minħabba ħaddiema barranin, oħrajn li jaħdmu bla ktieb tax-xogħol, immigranti li jħaddmuhom b'mod illegali.

***X'inhi l-proposta tagħkom sabiex tiġi riżolta l-problema ta' sfruttament fuq ħaddiema immigranti?***

Aħna qed nisħqu mal-Awtoritajiet li jkun hemm pool, ifisser li jekk inti għandek bżonn tlett ħaddiema, inti tmur f'dan l-uffiċċju; fejn il-ħaddiema immigranti jkunu regolati bl-liġi tax-xogħol u mħallsa minn dan l-istess dipartiment, f'dal każ qed ngħidu li l-ETC għandha tieħu ħsieb.

***X'inhu jżomm in-nisa milli jimmilitaw fi trejdjunjins?***

L-ewwelnett nixtieq li nara aktar parteċipazzjoni tan-nisa fi trejdjunjoniżmu. Nemmen li dak li qed iżommhom milli jagħmlu dan, huwa l-istess commitments li għandhom fil-ħajja tagħhom u n-nuqqas ta' miżuri favur il-familja. In-nisa ftit qed jifdallhom ħin biex jiddedikawh għal dan il-qasam. Fil-kunsilli u l-eżekuttivi llum għandna ammont ta' nisa. Li nixtieqi imma li n-numru jkompli jikber. Nemmen li l-organizzazzjoni tissaħħaħ aktar bil-parteċipazzjoni ta' aktar nisa.

*Tony Zarb għalaq l-intervista b'dan il-kummenti "Ix-xewqa tiegħi hija li sakemm nispiċċa mil-ħidma tiegħi bħala Segretarju, l-GWU tkun rebħet il-glieda kontra x-xogħol prekarju".*

# Skjavitú Modern Tal-Prekarjat

A. Pert

Wara storja twila ta' ħajja degradanti fi tbatija ħarxa u faqar kbir, il-ħaddiema bdew jitgħallmu li fin-nuqqas tar-rieda solidali kollettiva, qatt ma setgħu ndividwalment jieħdu sehem xieraq mil-avvanzi ndustrijali u xjentifiċi li kienu qegħdin jinkisbu għal ġid tal-umanità u jinħatfu biss min-nies tal-flus.




Lejn nofs is-seklu 19 twieldu l-ewwel għaqdiet tal-ħaddiema, li b'sagrifiċċji kbar matul is-seklu ta' wara mmaturaw f'movimenti trejdjunjonistiċi. Minn hawn, f'ħafna pajjiżi l-ħaddiema sabu t-triq għall -parlament. Bis-solidarjetà ta xulxin fil-ħin u l-post propizju, rebħu drittijiet fuq il-post tax-xogħol, li tawhom id-dinjità u l-fibra biex ifasslu strutturi soċio-ndustrijali u ekonomiċi, u ħolqu l-welfare states. Dik il-ħajja diċenti frott is-solidarjetà ta' bejniethom sfat imhedda qrib l-aħħar tas-seklu 20 bil-politika neo-liberali tal-lemin, ikkummissjonata direttament min-nies tal-flus u xprunata mill-President Amerikan Ronald Reagan u mis-sinjura Margaret Thatcher tar-Renju Unit.

Biex il-minoranzi tal-flus jieħdu lura s-sopravent li kellhom fis-sekli mgħoddija, kellu jkun attakkat il-kunċett tas-solidarjetà li kien rebbaħ lill-kotra, u kellu jiġi nkoraġġit l-individwaliżmu egoista li dgħajjef l-għaqda formidabbli tal-ħaddiema. Din il-politika tidher ċara mil-istrateġija tal-gvern ta' Thatcher, li mil-ewwel fetaħ attakk frontali fuq il-unjins. Żeblaħ u pprova jfalli finanzjarjament lil akbar unjin li tirrappreżenta lill-ħaddiema tal-minieri, biex biha ntimida setturi oħra tax-xogħol ħalli jnaqqsu s-solidarjetà attiva tagħhom.

Bil-forza kollha tal-istat ikkonċentrata kontra l-ħaddiema diżorjentati, witta t-triq biex ipprivatizza l-maġġoranza tal-ażjendi profittabbli statali, u biex nittef is-servizzi tal-welfare state, u ssagrifika l-kundizzjonijiet tax-xogħol għal qliegħ massimu tas-sidien. Bil-privatizzar, l-gvern tilef flejjes kbar mil-entrojtu annwali li kellu, u avolja għolla t-taxxi/rati, kellu jċaqqam il-welfare state u anke jkabbar id-defiċit u d-dejn tal-pajjiż. L-aqwa li llibera s-suq mil-kompetizzjoni tal-istat u żied l-opportunità għall-monopolji li jkomplu jkabbru l-profitti tal-privat.

Lis-sid privat, il-politika neo-liberali tagħtu wkoll opportunità aqwa biex ikabbar il-qliegħ anke minn fuq it-telf tad-drittijiet tal-ħaddiema. B'dak l-iskop ix-xogħol ġie deregolat b'mod li caħħad lill-ħaddiem mil-ħarsien tal-ftehim kollettiv, u neħħilu l-garanzija tal-kundizzjonijiet u sigurtà tal-impjieg. F'Malta rajna setturi ta' xogħol statali jingħataw lill-privat b'kuntratti li jwaqqgħu l-valur tax-xogħol.

Ir-riċetta neo-liberali ġabet lill-ħaddiem iżjed vulnerabbli li jaċċetta din id-degradazzjoni billi salbitu b'awsterità ħarxa konsegwenza tal-kriżi finanzjarja li ħolqot hi stess fil-qasam bankarju dinji. Qed tressaqna b'ritmu perikoluz lejn iż-żmien mudlam fewdali, ta' meta ħaddiem kien litteralment skjav tad-dominanza nkondizzjonata tas-sid.

Il-libertinaġġ tas-sid magħdud ma' l-effetti tal-għafsiet ta din il-politika fuq bwiet u mħuħ il-ħaddiema, rriżultaw fil-vulnerabbiltà tal-kotra li ħalliet tiżviluppa sistema ġdida tax-xogħol prekarju. B'hekk is-sigurtà tal-impjieg qed issir ħaġa tal-passat. Is-suq imtela b'impjiegi partajm u b'oħrajn imħaddma minn xahar għal xahar. Kumpaniji ħadu vizzju jimpjegaw ħaddiema bi status ta' self-employed bla protezzjoni ta' xejn. Saru jħaddmu nies b'ħinijiet twal bla sahra u bi ħlas inqas mill-paga minima. Jimpjegaw b'kundizzjoni li l-ħaddiem ma jidħolx f'unjin. Spiss iċċaqċaq il-qasba tal-famuż "hire and fire".

Fl-isfond tal-welfare state jiddgħajjef, dawn l-inċertezzi tal-impjieg flimkien mad-dħul baxx u nstabbli, qegħdin joppressaw lill-ħaddiem finanzjarjament u psikoloġikament, u jaljenawh mill-ħtieġa urġentissima tal-impenn tiegħu fis-solidarjetà kollettiva għat-taqtiegħa kontra t-theddida ta' dan l-iskjavitú modern.

Għalhekk f'Malta huwa mperattiv li l-appoġġ t'eluf tal-membri l-oħra tagħhom, il-unjins jaħdmu mal-gvern ġdid progressiv, għall-ħelsien minn din it-theddida. Huwa ta' sodisfazzjoni li jidher li hemm qbil fost il-Unjins u l-Gvern li tiġi ntrodotta liġi kontra l-prekarjat.

***Ritratt fuq juri dimostrazzjoni kontra l-prekarjetá organizzata mill-IndustriALL Global Union li tirrappreżenta 50 miljun ħaddiem minn 140 pajjiż.***

# "PRISONS NO MORE"

Għadu kif ġie ippublikat ktieb "Prisons No More" ta' Josephine Ciancio. Dan il-ktieb fih ġabra ta' stejjer, il-biċċa kbira minnhom tal-fantaxjenza. "Prisons No More" jitratta dwar kif nistgħu ngħaddu mingħajr ħabsijiet jew tal-inqas innaqsu ħafna ninnhom.

Dan hu tielet ktieb ta' Josephine Ciancio. Huwa publikazzjoni ta' KoPri Koperattiva.

Il-ktieb jista' jinkiseb mingħand il-ħwienet ta' l-Aġenda jew direttament mingħand l-awtriċi fuq 9986 3149



# L-inkwiet fit-Turkija: "Spekulaturi qed jitħallew jibnu b'mod selvaġġ"

*Micheal Grech jintervista lil Monique Agius, żagħżugħa Maltija dwar is-sitwazzjoni fit-Turkija. Monique Agius preżentament qed tahdem it-Turkija ma' tfal Roma f'isem is-servizz volontarju Ewropej u ma' persuni LGBT taħt l-organizzazzjoni KAOS.*

**M.G. Kemm ilek it-Turkija u x'inhu x-xogħol tiegħek hemm?**

M.A. Ilni t-Turkija madwar ħames xhur. Bħal issa qiegħda naħdem mal-EVS (European Voluntary Service), l-aktar ma' tfal li huma Roma. Qiegħda nagħmel ukoll xogħol ma' KAOS li hi organizzazzjoni li taħdem ma persuni li huma LGBT. Barra milli tiġġieled għad-drittijiet ta' persuni li huma lesbjani, gays jew trans-gender Torok, din l-organizzazzjoni taħdem ukoll ma' persuni bħal dawn li huma barranin u li jinsabu t-Turkija. Fost dawn hemm ħafna Iranjani li ħarbu t-Turkija minħabba li ġewwa pajjiżhom huma ddiskriminati u f'periklu serju minħabba l-orjentazzjoni sesswali u l-istil ta' ħajja li jixtiequ jgħixu.

**M.G. Kif inhi l-qagħda tat-Turkija bħal issa?**

M.A. It-Turkija bħal issa għaddejja minn boom ekonomiku. Ix-xogħol qed jiżdied, qed jiżdied l-investiment barrani u fejn qabel ħafna Torok kienu jemigraw għal raġunijiet ta' xogħol, illum it-Turkija qed tiċievi hi n-nies biex jiġu jaħdmu hemmhekk. U dawn mhux qed jiġu biss minn pajjiżi qrib fil-Lvant Nofsani jew minn pajjiżi tal-Lvant bħall-Ażerbajġan, il-Ġorġja u l-eks repubbliki kawkasiċi Sovjetiċi, imma anke mill-Ewropa tal-Punent .

**M.G. It-Turkija mela, kuntrarju għal bosta pajjiżi Ewropej, għaddejja minn moment eknomiku tajjeb. X'inhuma mela r-raġunijiet għalfejn hemm tant protesti?**

M.A. Ir-raġunijiet huma diversi. Hemm raġunijiet marbuta mal-każ immedjat tal-park Geza. Dan huwa wieħed mill-ftit spazji ħodor li baqa' Istanbul, barra milli hu post fejn jiltaqgħu bosta organizzazzjonijiet taż-żagħżagħ. Din ir-raġuni mbagħad, torbot ma tnejn oħra aktar wiesgħa; il-fatt li bosta spekulaturi qed jitħallew jibnu b'mod selvaġġ mill-gvern biex iħaxxnu l-but tagħhom. Barra mill-park Geza, kontroversji kbar qamu rigward il-bini ta' pont ġdid, kif ukoll



ta' ajruport ieħor għal Istanbul – bini li barra milli ser jagħmel ħafna ħsara għall-ambjent, hemm bosta (inklużi uffiċjali tat-Turkish Airlines fil-każ tal-ajruport) li jsostnu li m'hemm ebda ħtieġa għalihom.

Barra minn dawn ir-raġunijiet marbuta ma' ekonomija, li qed tiġi maħkuma minn ftit, u l-ambjent, hemm raġunijiet oħra. Fost dawn hemm li l-gvern qed isir aktar awtoritarju. Ġa kienu nqalgħu nċidenti fl-ewwel ta' Mejju, fejn il-pulizija wżat il-forza b'mod brutali kontra bosta dimostranti – inċident dan li qajjem reazzjoni qawwija f'ħafna partijiet tat-Turkija. Tajjeb ngħidu li f'dawn il-każi kollha, il-pulizija m'użatx biss gass tad-dmugħ, imma anke kanuni tal-ilma u sparat *bullets* tal-lastiku.

Hemm kwestjonijiet bħal dik tal-oġġezzjoni tal-kuxjenza għal ma jridx jagħmel servizz militari (lieva). Din hi possibbli imma biss għal min iħallas somma flus. Allura, ħafna qed jarawha bħala mezz kif żagħżagħ ġejjin minn familji tat-tajjeb jaħarbu l-lieva, waqt li oħrajn li m'humiex tant sinjuri ma jistgħux jagħmlu dan.

Hemm imbagħad il-fatt li l-gvern qed idaħħal ir-reliġjon fi sfejjer li fihom, għal madwar disgħin sena (minn meta Kemal Ataturk kien issekolarizza l-pajjiż) ma kienitx tidħol. Dan tal-aħħar hu fatt li qed jidher f'bosta sfejjer. Ngħidu aħna l-gvern għadu kemm għadda liġi li tillimita l-ħin li fih jista' jinbiegħ alkoħol. Ir-reliġjużi qed isaħħu l-preżenza tagħhom fl-armata, li tradizzjonalment kienet is-sur tas-sekolariżmu fit-Turkija. Kibru bosta *chains* ta' ħwienet immexxija minn organizzazzjonijiet reliġjużi. Ħbieb barranin li joqgħodu t-Turkija qaluli li, ngħidu aħna, llum isibuha aktar diffiċli isibu jixtru bi prezz raġjonevoli prodotti magħmula mill-majjal. Il-gvern donnu qed jimbotta l-idea li biex wieħed ikun Tork kif suppost, irid ikun ukoll Musulman prattikanti.

Dan qed iwassal biex bosta, fost bosta żagħżagħ li qabel ma kellhomx il-kult ta' Kemal Ataruk, il-figura ta' missier it-Turkija sekolari saret donnha ikona. Għalhekk, ir-raġunijiet għalfejn bosta qed jipprotestaw huma varji u diversi.

**M.G. Hemm rabta bejn il-lemħa awtoritajra li l-gvern Tork qed jieħu u l-fatt li l-applikazzjoni tat-Turkija biex issir membru tal-Unjoni Ewropea ġiet iffriżata? Wara kollox, sa ftit snin ilu, meta s-sħubija tat-Turkija kienet għadha tidher possibli, konna nisimgħu aħbarijiet bil-kontra rigward drittijiet tal-bniedem, inkluż ta' minoranzi (speċjalment dawk reliġjużi), jiġifieri li l-gvern Tork, inkluż l-gvern t'Erdogan, qed jagħmel progress f'dawn l-oqsma.**

M.A. Dan hu punt importanti. Sa ftit snin ilu ħafna Torok kienu jaspiraw li jkunu membri tal-Unjoni Ewropea. Din kienet tkun il-qofol ta' mixja lejn l-Ewropejizzazzjoni tal-pajjiż mibdija minn Kemal Ataturk. L-iffriżar wassal biex ħafna Torok ma baqgħux jaraw post it-Turkija bħala fl-Ewropa, imma fiċ-ċentru tad-dinja Musulmana, speċjalment fil-Lvant Nofsani.
It-Turkija li Erdogan qed jimbotta hi Turkija li tkun xempju ta' pajjiż Musulman modern. Modern mhux fis-sens li tippreżenta Iżlam progressiv f'dawk li huma drittijiet ċivili, imma f'dak li hu żvilupp ekonomiku. Anzi, kif rajna, f'dak li huma drittijiet ċivili il-pajjiż qed imur lura, biex jogħoġob lil dawk li jridu aktar impożizzjoni tar-reliġjon. It-Turkija t'Erdogan trid tkun pajjiż modern f'dik li hi ekonomija kapitalista, fejn allura irid ikun hemm emfasi fuq it-tradizzjoni u r-reliġjon f'dawk li huma aspetti ċivili u soċjali, u immodernizzar f'dak li hu tħaddim tal-kapital.

## *"Jobs+ għandha tfassal strateġija favur impjiegi regolari u diċenti"*

Żminijietna – Leħen ix-Xellug tinsisti li l-inizzjattiva nazzjonali favur Jobs + għandha tkun waħda fejn il-ħolqien tax-xogħol jkun wieħed b'termini ta' mpjieg regolari u pagi diċenti. L-għaqda xellugija saħqet dwar il-bżonn li togħla l-paga minima.

"Huwa mportanti li l-liġi kontra prekarjat tiddaħħal immedjatament u tkun mfassla fuq l-kriterji ta' ILO".

"Xogħol prekarju permezz ta' mpjiegi atipiċi, b'kuntratti defeniti, 'agency workers', 'self-employed' u part-time m'għandhomx jipprevalu fuq dawk b'termini ta' mpjieg regolari. Impjiegi regolari b'pagi diċenti u kundizzjonijiet ta' xogħol tajba huma essenzjali għal soċjetà ġusta b'kwalità ta' ħajja għolja", qalet Żminijietna.




"Politika ta' 'workfare', li permezz tagħha il-welfare isir kundizzjonali tista' twassal għal sitwazzjonijiet fejn ħaddiema qegħda jiġu offruti xogħol prekarju".

Żminijietna tisħaq dwar il-bżonn li togħla l-paga minima. "Dan ikun ta' benefiċċji kemm għall-ħaddiema kif ukoll għall-ekonomija minħabba li ħaddiema li għandhom dħul baxx ikollhom iktar dħul disponibbli, li jista' jiġġerena tkabbir ekonomiku".

L-għaqda xellugija saħqet li l-kuntratti pubbliċi kollha, kemm tal-Gvern kif ukoll tal-kunsilli lokali, għandhom ikunu suġġetti għall-leġislazzjoni li ma tippermettix xogħol prekarju.



# Thinking the Apocalyptic Unthinkable

Sammy Camilleri
Ontario, Canada.

Whether our ‘civilization’ will survive this century is now – or should be – the main concern of everyone. It’s no longer a far-fetched chicken little “the sky is falling” bugaboo. Enough evidence has been found to show us beyond doubt that the next several decades will be the most perilous to confront humankind since the dawn of recorded history.

So many global threats loom ahead that the chance we can avoid their combined devastation is minimal. They are rapidly converging. Destructive climate change, mostly man made is accelerating. This easily accessible deposit of oil and natural gas that support our way of live are dwindling.

The proliferation of hair-trigger nuclear weapons could unleash a global holocaust. The spread of deadly viruses could trigger a global pandemic. A severe water shortage is developing that threatens the lives of billions. If we are smart enough, diligent enough, co-operative enough, and lucky enough, we may escape most of these catastrophes. We could drastically cut our greenhouse gas emissions and pollution, and so avert the worst consequences of global warming. We could get serious about disarmament, develop vaccines against our microbic foes, and even learn to decontaminate and share our water.

The one threat we absolutely can’t avoid, however, is the exhaustion of a gift of nature that our modern “civilisation” was founded and is wholly dependent upon fossil fuel. They are a non-renewable resource, built up over many millennia that we have been squandering for the past century. More deposits are being discovered, but almost all are very difficult to extract and costly to consume.

The supply of easily acquired fossil fuel will start to run out over the next few decades and may be entirely depleted before mid-century. And, long before the last drop goes into the last tank, the ever worsening shortage will cause social, economic, and political upheaval on a colossal scale.

Civilisation as we know it will almost collapse. This apocalyptic forecast will be rejected by most people. As the famous psychologist Carl Jung once observed “People cannot stand to much reality”. And that’s especially the case when the reality they face challenges most of their assumptions about the world they live in.

It’s comforting to look for and cling to tempting escape hatches. Surely the oil and gas will be replaced by alternative forms of energy; solar, wind, tidal, geothermal, hydrogen, and methane and nuclear – especially nuclear. The problem with relying on any of these alternatives, however, is that none of them, or even all combined, will ever provide the cheap effective , and widely available power now derived from fossil fuel. To fully explain the decline of fossil fuel energy and the limitations of all renewables would take a book-length exposition.

That’s what Rubin does in the “End of Growth” and what James Howard Kunstler did earlier in his stark and scary book “The Long Emergency”. One by one, Kunstler analysed all the alternatives fuels and explained why they won’t rescue us. Cheap natural gas supplies, like oil, are also running out. Hydrogen-powered cars and industries are a pipe dream. A return to the coal may keep some of the economy going, but at intolerable costs to the environment. Hydroelectric capacity could be increased somewhat, and so could nuclear power, but they both depend on plants and machinery that could only manufactured en-masse in a fossil fuel economy (and nuclear power has a deadly and still unresolved radioactive waste storage problem).




Solar and wind energy are attractive alternatives, but they require solar panels, wind turbines, and other equipment that could only be made in large quantities by oil and gas powered factories. As Kunstler points out “The batteries, the panels, the electronics, the wires, and the plastic all require mining operations and factories using fossil fuels”. And the components would have to be transported to the sites of the solar and wind farms by trucks, planes, or ships that now are also fuelled by oil. “Could these systems exist”, Kunstler asks, “without the platform of an oil economy to produce them?”

If our governments and corporations decided to face the future energy crisis instead of ignoring it, we do have some hope of making a less chaotic transition. If, say, 20% of our present use of fossil fuel were devoted to making the hardware and component parts that renewable energy sources will need (instead of the current 2%), some of the social and economic convulsion could be abated. There’s no sign, however, of such a sudden outbreak of political or corporate enlightenment, so we have to lower our expectations.

We live in a world created by and based on cheap energy. Fossil fuels power fast air, sea, and land transportation. They fuel the massive increase in agricultural output that in turn has permitted the explosive five-fold growth of human population in a little more than a century. All the manufacturing and technological marvels of the past 100 years from telephones to high-definition TV and I Pads, from prop-planes to jet airliners, from ball-point pens to plastic electronic gadgets, all have their origin or creation in cheap fossil fuels.

The days of this “advanced” civilisation are numbered and so is the comfortable lifestyle it has sustained for elite minorities in both the rich and poor nations. Most of the gadgets and services to which we’ve become accustomed will be lost long before the oil is gone. No more comfortable suburban homes dependent on fossil fuel for heating and car commuting. Mo more big box stores and malls because the “free trade” that generates cheap labour made-goods from China will have stopped. Our species doesn’t exactly have an admirable record of dealing with scarcities. Instead of sharing shrinking resources with equitably, we tend to fight over them. With drinkable water, arable land, and even food becoming increasingly less available along with the oil, what are the prospects of avoiding horrendous conflicts over diminishing supplies? Not that bright…..

Some pessimistic analysts foresee a future by mid-century in which 80% or more of the planet’s present population will have perished – victims of famine, disasters, wars, and ecological blight. The survivors will be those who have set up sustainable communities with the capacity to grow sufficient food for their inhabitants. But they will have few of the amenities now so common in the early years of the century. In effect, they will have regressed to a way of life not much different from the pre-industrial revolutionary era.

Such a doom and gloom outlook is not of course inevitable (yet). Facing reality, however, also means assessing the danger of ignoring reality. One of the problems facing those now raising the alarm, even reputable ecologists, energy experts, and other scientists, is the reluctance of most of their readers and listeners to make that mental leap from the prosperous and productive present to the stark, bleak, shortage – ridden future that lies only a few decades ahead. It’s a difficult intellectual exercise, and one that most people will resist as long as they cling to any excuse for denying or delaying the need for it.

The snail’s pace increase in global warming and decrease of cheap oil also make it easier for short term-wired humans to ignore a crisis that looms so far into their future.

For those of us in civil society groups, the challenge is even more formidable. If we recognise the gravity of the slow depletion of cheap fossil-fuel energy (not all of us do), what’s our reaction? Most of us are involved in some way in what we call “struggle for a better world”. That struggle has many aspects. It includes efforts to reduce poverty, help the hungry and homeless, work for a more equitable society, clean up the environment, pursue peace and disarmament, oppose corporate globalisation, and strive for a real political democracy. All very commendable projects, but if we really for see a breakdown of the whole socio-economic system that spawns all these inequities, do we continue to try to ameliorate each of them separately for the time left before the entire system begins to fall apart? Or do we turn our collective efforts toward trying to avert world-wide societal and economic collapse?

The two approaches, of course, are not mutually exclusive, except perhaps for the religious fundamentalist “End- Timers” who have pretty much abandoned any effort to deal with current social, economic, or environmental concerns that are related to what they believe is the imminent second coming apocalypse. Why worry about the depletion of oil, about global warming, about poverty or disease or anything else when the world as we know it is to come to an end soon anyway? We may dismiss these people as fanatical imbeciles, but their numbers are now in millions in the United States, and with their growing political influence, they constitute one of the biggest barriers to effective disaster – averting political action.

We on the Left have to resist a similar tendency to slack off the pursuit of immediate reforms that, even if achieved, wouldn’t last more than another few decades.

Why keep opposing globalisation, Free Trade, and other manifestations of corporate power if the end of oil is going to bring the whole unfair system crashing down well before mid-century, anyway? Well, if for nothing else, because it is this same excessive corporate power that is forestalling the political action required to prepare for and cope with a post fossil-fuel-future. Fighting poverty and inequality in the short-term and striving to preserve a habitable planet in the long term are not mutually exclusive endeavours. They can be pursued in tandem.

A pertinent question that some may wish to ask in this twilight of our oil-driven civilisation is whether the human race deserves to survive. Considering our irresponsible abuse and misuse of the planet and its resources, not to speak of the callous mistreatment of billions of our fellow humans, what do we have to offer in our defence? What human accomplishment or virtue can we cite that comes close to offsetting all our crimes and failings as a species?

Do we deserve to become extinct, as yet another of nature’s biological failures? She made the mistake of endowing us with what we in our hubris call intelligence and we’ve misused it to vandalise the planet and brutalise most of the creatures on it, including most members of our own species.

Mark Twain, before he died, became bitterly cynical about the human race. Farely Mowat, a renowned contemporary Canadian author, has become almost as despair as Twain about humankind’s future. Or even our right to have a future. Based on their keen observations of human history and behaviour, their scathing appraisals of their species are hard to rebut. Whether the valiant efforts of the “Do-Gooders” are enough to redeem all the terrible violence and villainies perpetrated by the leaders of our species and tolerated if not approved by the majority is a dubious promise.

However, if the scales are still badly overbalanced by the mountains of human evil, perhaps the goodness of a Mahatma Gandhi or a Florence Nightingale or Leonardo Da Vinci or an Elizabeth Fry or a Tommy Douglas might be enough to earn us a stay of execution.

On condition, of course, that we spend the next 20 or 30 years, starting now, doing all we can to save ourselves and future generations.

# Il-Wirt ta' Thatcher

Michael Briguglio

Wara li Margaret Thatcher, eks-Prim Ministru tar-Renju Unit mietet, qed nipproponi analiżi tal-wirt tagħha fil-politika tal-lum. Iżda l-ewwel, tajjeb li l-ideoloġija Thatcherista tiġi artikolata.

Thatcher kienet tifforma parti mill-ideoloġija tan-'New Right' li kien eġemoniku fis-snin tmenin u fl-ewwel snin tad-disgħinijiet. Bażikament din l-ideoloġija għaqdet ideoloġija neo-liberali ma' ideoloġija konservattiva.

In-Neo-Liberaliżmu jibbaża fuq metodoloġija ndividwalista, fejn il-kejl ta' kollox huwa l-hekk imsejjaħ individwu razzjonali li jopera fis-suq ħieles. Analiżi soċjali li tħares lejn klassi soċjali, il-poter, l-istat u antagoniżmi soċjali ma tibqax importanti f'dawn il-kuntesti. Minflok jirrenja l-ħsieb ta' Hayek u Friedman, li kienu jemmnu li l-ippjanar ta' l-istat fl-ekonomija iwassal għal tiranija. Ħassieba oħrajn bħal Marsland għalhekk jipproponu li l-istat ikollu rwol ferm iżgħar mhux biss fil-politika ekonomika, iżda ukoll fil-politika soċjali.

**Privatizazzjoni**

Għalhekk, in-Neo-Liberaliżmu iwassal għal privatizazzjoni ta' assi pubbliċi, tnaqqis fin-nefqa pubblika u riformi rigressivi fil-politika fiskali. Il-ħsieb hu li dan iwassal għal iktar inċentiv u iktar investiment, u fl-aħħar mill-aħħar, it-'trickle down effect'. Iżda lkoll nafu li din it-tip ta' ekonomija iġġib magħha inugwaljanza kbira u qasma bejn il-klassijiet soċjali. Politika li temmen fil-ġustizzja soċjali u fl-ugwaljanza ma




tistax tigi rekonċiljata man-neo-liberaliżmu.

Min-naħa l-oħra, ideoloġija konservattiva fi ħdan in-New Right targumenta li l-istat għandu jkollu rwol ikbar f'dak li għandu x'jaqsam mal-morali pubbliċi.

Ħassieba bħal Scruton jemmnu li l-istat għandu jippromwovi tip ta' familja tradizzjonali, liema familja, skond dan il-ħsieb ġiet imminata mill-bidliet soċjali mis-sittinijiet 'l hawn, li, fost oħrajn raw attiviżmu ta' movimenti femministi u movimenti favur ugwaljanza sesswali. Il-konservattiżmu għandu wkoll tendenzi nazzjonalisti u minn daqqiet xenofobiċi.

Ħassieb tipiku u ferm influwenti tan-New Right huwa s-soċjologu Charles Murray, li jargumenta li l-welfare state wassal għal twelid ta' 'underclass' magħmula l-iktar minn żgħażagħ irġiel li ma jridux jaħdmu u ommijiet single. Murray jikkritika dak li jsejjaħ bħala 'welfare dependency' ta' dawn il-gruppi, u għalhekk jemmen li l-welfare għal dawn il-gruppi għandu jispiċċa sabiex dawn il-persuni jidħlu fid-dinja tax-xogħol u jiffurmaw familji 'normali'.

**Popoliżmu awtoritarju**

Fit-Thatcheriżmu wieħed seta' jara dawn it-tendenzi ideoloġiċi li nfluenzaw il-politika ekonomika u soċjali. Is-soċjoloġu Marxist Stuart Hall jargumenta li dan wassal għal 'popoliżmu awtoritarju' li kien eġemoniku u li rriżulta f' 'sens komun' ġdid b'diskors bħal dak tal-'welfare burden'. Soċjologu ieħor, il-post-Marxist David Howarth jaqbel ma' din l-analiżi, fejn l-eġemonija Thatcherista kienet ibbażata fuq punti bħal 'ekonomija ħielsa', 'stat b'saħħtu', 'nazzjonaliżmu', u 'individwaliżmu'. L-għedewwa ta' din il-formazzjoni eġemonika kienu fost oħrajn, il-unjins u l-intelletwali progressivi.

Illum wieħed jista' josserva l-influenza Thatcherista f'diversi aspetti tal-politika ekonomika u soċjali.

Per eżempju, id-diskors neo-liberali ta' "trickle-down" huwa nfluwenti ferm meta nisimgħu Kummissjonijiet Ewropej, gvernijiet u partiti, miċ-ċentru xellug sal-lemin, li jitkellmu dwar il-bżonn ta' inqas taxxi, inqas nefqa pubblika, iktar privatizazzjoni u welfare iktar ristrettiv u kundizzjonali (l-hekk imsejjaħ "workfare"). Dan sabiex ikun hemm effiċjenza, inċentiv, u tkabbir ekonomiku li, skond il-profeti tal-profitt, 'minnu jgawdi kulħadd'. Dan id-diskors, iżda, huwa nieqes għal kollox minn analiżi ta' l-impatt rigressiv u anti-soċjali ta' din it-tip ta' politika.

**F'Malta**

F'Malta dan qed narawh sa ċertu punt fil-populiżmu fiskali taż-żewġ partiti ewlenin. It-tnaqqis rigressiv ta' taxxa għal dawk li għandhom dħul għoli, huma ta'detriment għall-fondi pubbliċi, liema fondi huma essenzjali għas-servizzi pubbliċi bħas-saħħa, l-edukazzjoni u l-pensjonijiet.

Il-Gvern Laburista ġdid żamm dan it-tnaqqis rigressiv li kien propost b'mod irresponsabbli mill-Gvern preċendenti Nazzjonalista. Issa kif ser jagħmel tajjeb għaż-żieda kbira fid-defiċit? Pajjiżna ser jieħu triq neo-liberali lejn l-awsterità għad-detriment tal-ġustizzja soċjali? Nittama li le.

It-Thatcheriżmu, iżda, huwa inqas influwenti f'dak li għandu x'jaqsam ma' valuri konservattivi. Minkejja li huma bosta li jħaddnu valuri ta'dan it-tip, il-mewġa progressiva favur drittijiet ċivili qed twassal biex bosta pajjiżi qed idaħħlu riformi bħal żwieġ għal koppji ta' l-istess sess. Hawnhekk għandna eżempju ħaj li l-istorja tista' tinkiteb mill-movimenti li jemmnu li soċjetà oħra hi possibli.

Jekk xejn, minn Thatcher nitgħallmu li politika mingħajr avversarji hija fantażija, u li, permezz ta' politika eġemonika, tista' tbiddel l-affarijiet. Gvern, partit, moviment, dejjem jieħu naħa, irid jew ma jridx.


## ALLEANZA LIBERALI

67, Strait Street, Valletta VLT 1436. Malta
Tel/Fax: 21690365, 99459714, 99449157, 99267086
mail@john-zammit.cu - sammutjp@onvol.net
www.malta-liberals.org - www.john-zammit.eu

DAN HUWA PARTI MIR-RAPPORT TAL-OSCE datat 31 ta' Mejju 2013 dwar Irregolaritajiet li saru fl-elezzjonijiet, speċjalment dwar kif ġew stmati partiti żgħar (ALLEANZA LIBERALI) u kandidati indipendenti:

*"These rules provided detailed instructions regarding televised debates; press conferences, political spots and productions, and the allocation of freetime to the I.P, N.P, and DA on all broadcast stations during the campaign period. While the DA compalined that media coverage and the media laws are biased in favour of the two parliamentary parties, they also noted that the amount of time allocated to them under the BA directive was more than they would likely get if such allocations were based on popular support.* ***Independent candidates expressed discontent with their lack of coverage in the media."***

A. PRIORITY RECOMMENDATIONS
1. Consideration should be given to decriminalise defamation, in line with international good practice on freedom of expression.

*- OSCE Malta General Elections 9th March 2013 Report after John Zammit, Leader of Alleanza Liberali reported what was happening in Malta. To see the whole report go on the OSCE website/malta.*

**Avviż bi ħlas**



**Abbona fil-gazzetta Żminijietna - Leħen ix-Xellug**

Isem: Kunjom:

Indirizz:

Emejl:

Sena: (€5) ☐ Sentejn: (€10) ☐

**Ibgħat din il-formola lil Żminijietna P.O Box 35 Sliema. SLM1000**